PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2305(INI)

20.11.2008

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-pjan ta' politika dwar l-ażil, approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE (2008/2305(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Giusto Catania

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pjan ta' politika dwar l-ażil, approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE (2008/2305(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 63(1) u (2) tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea pproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Rifuġjati, u l-protokoll addizzjonali tagħha tal-1967,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/EC tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil (id-Direttiva dwar l-Akkoljenza),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (id-Direttiva dwar il-Proċedura),

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija,

– wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-Istati Membri (COM(2007)0745),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 t'April 2005 dwar Lampedusa[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 t'April 2006 dwar is-sitwazzjoni tal-kampijiet tar-refuġjati f'Malta[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-21 ta' Ġunju 2007 dwar l-ażil: il-koperazzjoni prattika, il-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qafas tas-sistema komuni Ewropea tal-ażil[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Settembru 2008 dwar l-

[1] ĠU C 33 E du 9.2.2006, p. 598.
[2] ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 301.
[3] ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 364.

evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin[1],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar iż-żjarat f'diversi ċentri tad-detenzjoni sabiex jaraw il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fihom,

– wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tas-6 ta' Mejju 2008 fil-Każ C-133/06, Il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar rikors għall-annullament tad-Direttiva 2005/85/KE dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat, bl-għan partikulari tal-annullament tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva dwar il-proċedura tal-adozzjoni u l-emenda ta' listi minimi komuni ta' pajjiżi bla periklu,

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew dwar l-ażil u l-immigrazzjoni adottat mill-Kunsill Ewropew fil-15 u s-16 t'Ottubru 2008, li r-raba' objettiv tiegħu hu l-'bini ta' Ewropa tal-ażil',

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6–0000/2008),

A. billi l-istrumenti leġiżlattivi tal-ewwel fażi tal-istabbiliment tas-sistema komuni Ewropea għall-ażil ippermettew l-introduzzjoni ta' standards minimi komuni iżda mhux ta' kundizzjonijiet indaqs ta' aċċess għall-ħarsien fl-Unjoni kollha, u minħabba f'hekk, għad hemm problemi bħall-movimenti sekondarji u t-talbiet multipli,

B. billi l-livelli 'storikament baxxi' ta' talbiet ta' ażil f'ħafna Stati Membri rrapurtati mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Politika tagħha huma dovuti l-iktar għall-problemi ta' aċċess għall-ħarsien marbuti mal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, mar-rata baxxa ta' rikonoxximent li f'ċerti każi tiskoraġġixxi lill-applikanti potenzjali, u għall-informazzjoni mhux kompleta li tingħatalhom mal-wasla tagħhom fit-territorju tal-Unjoni,

C. billi s-sistema ta' Dublin tista' tirriżulta f'piż sproporzjonat impost fuq uħud mill-Istati Membri, sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika esposta tagħhom,

D. billi, fir-rapport ta' evalwazzjoni tagħha dwar id-Direttiva dwar l-Akkoljenza, il-Kummissjoni tinnota problemi serji fl-implimentazzjoni tad-direttiva, b'mod partikulari fiċ-ċentri magħluqa u fiż-żoni ta' tranżitu, kif id-delegazzjonijiet parlamentari setgħu jaraw b'għajnejhom waqt id-diversi żjarat tagħhom,

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jiddispjaċih li hemm il-ħsieb li tkun posposta l-iskadenza tal-2012 għar-realizzazzjoni tat-tieni fażi tar-reġim komuni Ewropew tal-ażil, li għandu jtemm id-differenzi li jagħmlu l-ħsara bejn is-sistemi tal-ażil fl-Istati Membri;

2. Jinsisti li l-armonizzazzjoni tan-normi li għandha twassal għal proċedura komuni u għall-istess status rigward ir-rifuġjati għandha tirriżulta f'livell ta' ħarsien għoli fl-Unjoni kollha

[1] Testi adottati, P6_TA-PROV(2008)0385.

kemm hi, u ma tridx tispiċċa biex tniżżel il-livell 'l isfel, li jkun ifisser li reġim komuni ta'ażil jitlef il-valur addizzjonali tiegħu;

3. Ifakkar li l-Unjoni trid tipprevedi mekkaniżmi fil-fruntieri esterni għall-identifikazzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil u jiggarantixxu l-aċċess fit-territorju tagħha lill-persuni li għandhom id-dritt għall-ħarsien internazzjonali, inkluż fil-qafas tal-operazzjonijiet ta' kontroll tal-fruntieri esterni tagħha;

4. Jitlob li l-Aġenzija Frontex tipprovdi informazzjoni preċiża dwar in-numru ta' persuni li jfittxu l-ażil identifikati bħala tali waqt l-operazzjonijiet tagħha u dwar ix-xorti tal-persuni li kienu mġiegħla jmorru lura waqt dawn l-operazzjonijiet;

It-titjib tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ

5. Jilqa' l-fatt li fis-sentenza tagħha fil-Każ C-133/06 tas-6 ta' Mejju 2008, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 29 u l-paragrafu 3 tal-Artikolu 36 tad-Direttiva dwar il-Proċedura, li kienu jikkonċernaw l-adozzjoni jew l-emenda ta' listi minimi komuni ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu u lista komuni ta' pajjiżi terzi bla periklu;

6. Jilqa' l-inizjattivi pożittivi li ttieħdu f'ċerti Stati Membri biex jilqgħu lil dawk li jfittxu l-ażil - mit-tressiq tat-talba tagħhom ta' ħarsien internazzjonali - fi strutturi li huma miftuħa u f'integrazzjoni sħiħa mal-komunitajiet lokali;

7. Iqis li dawk li jfittxu l-ażil huma persuni vulnerabbli li jridu jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati; ifakkar li ambjent ta' ħabs fl-ebda każ ma jista' jgħinhom biex jirkupraw mit-trawmi li jkunu għaddew minnhom fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom u l-anqas waqt il-vjaġġ tagħhom lejn l-Ewropa;

8. Jiddispjaċih li f'diversi Stati Membri, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil għadha realtà wara d-dħul irregolari tagħhom fit-territorju u jilqa' għalhekk l-intenzjoni tal-Kummisjoni li ddaħħal fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza garanziji proċedurali rigward id-detenzjoni;

9. Iqis li huwa essenzjali li jkun iċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar l-Akkoljenza sabiex ikunu koperti ċ-ċentri ta' detenzjoni, iz-zoni ta' tranżitu u l-proċeduri fil-fruntieri;

10. Jirrakkomanda li fid-Direttiva dwar l-Akkoljenza tkun stabbilita sistema formali ta' identifikazzjoni ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikulari l-minuri mhux akkumpanjati, il-persuni anzjani u dipendenti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa tqal, ġenitur wieħed bit-tfal u nies li jkunu għaddew minn esperjenzi trawmatiċi (tortura, stupru, vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali);

11. Iqis li għandha tkun stabbilita proċedura unika ta' talba ta'ażil, li tkopri t-talbiet kollha ta' "ħarsien internazzjonali" (status ta' rifuġjat, ħarsien sussidjarju, ħarsien temporanju);

12. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tippjana li tiċċara l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' ħarsien sussidjarju, u fuq kollox il-fatt li qed tissuġġerixxi li tirrevedi mill-ġdid id-drittijiet u l-vantaġġi li jingħataw lill-benefiċjarji dan it-tip ta' ħarsien;

13. Iqis li l-qsim tal-informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini li għandhom l-Istati Membri

differenti jkun pass pożittiv u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha biex twaqqaf bażi tad-dejta komuni;

14. Iqis li, meta ssir ir-reviżjoni tar-regolament ta' Dublin, jista' jkun previst mekkaniżmu li jimblokka t-trasferimenti lejn l-Istati Membri li ma jkunux f'kundizzjoni li jittrattaw b'mod adegwat it-talbiet minħabba l-kapaċitajiet ta' akkoljenza limitati tagħhom;

Strutturi amministrattivi

15. Jappoġġa bis-sod it-twaqqif ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ li jaħdem mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, kif ukoll mal-NGOs speċjalizzati fil-qasam tal-asil;

16. Iqis li wieħed mill-kompiti tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għandu jkun li jagħmel evalwazzjoni dettaljata tad-differenzi li għad hemm bejn is-sistemi nazzjonali ta' asil sabiex jikkontribwixxi għat-titjib tagħhom;

17. Jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-Kummissjoni sabiex tkompli bl-isforzi tagħha għall-istabbiliment ta' programm komuni Ewropew ta' taħriġ dwar l-asil, ladarba l-kwalità tad-deċiżjonijiet adottati f'dan il-qasam hija direttament marbuta mat-taħriġ u l-informazzjoni li jkunu pprovduti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali; huwa tal-fehma li konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili speċjalizzati fil-qasam u bl-għan li jitfasslu programmi ta' taħriġ tiggarantixxi l-effettività;

L-integrazzjoni tal-benefiċjarji tal-ħarsien internazzjonali

18. Jiddispjaċih li r-regoli stabbiliti mis-sistema ta' Dublin biex jiddeterminaw liema Stat huwa responsabbli mill-eżami ta' talba ta' asil ma jqisux ix-xewqat ta' dawk li qed iffittxu l-asil, u jqis li ċerti kriterji marbuta mal-familja, u kunsiderazzjonijiet lingwistiċi u kulturali għandhom jitqiesu aktar f'deċiżjonijiet bħal dawn bl-għan li tkun promossa l-integrazzjoni ta' dawk li jfittxu l-asil;

19. Iqis li pass inizjali fil-kunsiderazzjoni dovuta tax-xewqa ta' dawk li jfittxu l-asil li t-talba tagħhom tkun ikkunsidrata fl-Istat Membri li fih għażlu li jressquha jkun l-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jippermetti lill-Istati Membri li jikkonkludu ftehimiet bilaterali, taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, rigward "l-annullament" tat-trasferiment ta' numru ekwivalenti ta' persuni li qed ifittxu l-asil, bi qbil magħhom u bir-rispett dovut għad-drittijiet tagħhom, b'mod partikulari rigward ir-riunifikazzjoni tal-familji;

20. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jasal għall-ftehim dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva dwar l-istatus ta' residenza għal perjodu twil għar-rifuġjati u għall-benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju;

21. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi modifika tad-Direttiva dwar l-Akkoljenza sabiex jingħata lil dawk li jfittxu l-asil aċċess iktar sempliċi għas-suq tax-xogħol, ladarba d-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol jikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali tal-integrazzjoni tagħhom;

22. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess tal-benefiċjarji tal-ħarsien sussidjarju għad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, ladarba dan huwa essenzjali għall-integrazzjoni tagħhom;

Mekkaniżmi ta' solidarjetà

23. Iqis li wieħed mill-objettivi tas-sistema komuni Ewropea ta'ażil irid tkun it-twaqqif ta' mekkaniżmi effettivi ta' solidarjetà sabiex titejjeb is-sitwazzjoni tal-pajjiżi bl-ikbar fluss ta' persuni li jfittxu l-ażil u li għandhom diffikultà biex jiggarantixxulhom kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati, biex jipproċessaw it-talbiet fil-limiti ta' ħin u skont il-proċeduri preskritti, jew biex jintegraw lil dawk il-persuni li kisbu l-istatus ta' rifuġjati;

24. Huwa tal-fehma li s-solidarjetà ma tistax tkun limitata għall-għoti ta' riżorsi finanzjarji u li għandhom ikunu previsti mekkanizmi ta' rilokazzjoni interna, fuq bażi volontarja, li jippermettu lill-benefiċjarji ta' ħarsien internazzjonali li jkunu milqugħa minn Stat Membru ieħor apparti dak li tahom il-benefiċċju ta' dan il-ħarsien;

25. Iqis li għandha tkun eżaminata l-possibilità li jkun estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva 2001/55 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, sabiex tkun permessa b'mod partikulari l-akkoljenza ta' kategoriji speċifiċi ta' persuni li jkollhom bżonn il-ħarsien internazzjonali għal perjodu proviżorju anke fejn ma jkunx hemm influss bil-massa;

26. Jinkoraġġixxi l-ħolqien, taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju ta' Appoġġ futur, ta' timijiet ta' esperti fi kwistjonijiet ta'ażil li jistgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-Istati Membri li jkunu għaddejjin minn perjodi ta' influss bil-massa u mhux mistenni ta' persuni jfittxu l-ażil li ma jistgħux ilaħħqu magħhom;

27. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tniedi studju sabiex ikunu riveduti l-metodi kif is-solidarjetà finanzjarja tista' tittejjeb fi ħdan l-Unjoni, u huwa interessat li jkun jaf il-proposti li se jitfasslu f'dan il-kuntest;

Koperazzjoni ma' pajjiżi terzi

28. Jistenna bil-ħerqa l-evalwazzjoni tal-programmi reġjonali ta' ħarsien li għandha ssir fl-2008, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, u jistieden lill-Kummissjoni biex tikkoordina aħjar il-miżuri li ttieħdu mis-servizzi varji tagħha f'dan il-kuntest, sabiex tottimizza s-sinerġija bejniethom, u biex tirrapporta lill-Parlament dwar il-passi li ttieħdu għal dan il-għan;

29. Jirrikonoxxi l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' akkoljenza tal-pajjiżi tal-ewwelażil, u li jitwaqqaf, fil-livell Ewropew u b'koperazzjoni stretta mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati, programm ta' rilokazzjoni li jistipula kriterji komuni u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni;

30. Jinnota b'interess kbir l-idea li jkunu stabbiliti 'Proċeduri għal Dħul Protett' u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tqis kif dovut il-modalitajiet konkreti għal u l-implikazzjonijiet prattiċi ta' dawn it-tip ta' miżuri;

31. Jistenna b'interess ir-riżultati tal-istudju dwar l-ipproċessar konġunt ta' talbiet ta'ażil barra t-territorju Komunitarju li l-Kummissjoni bi ħsiebha tagħmel fl-2009, u jwissi kontra t-tentazjoni li r-responsabilità tal-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil u l-ipproċessar tat-talba tagħhom tintefa fuq il-pajjiżi terzi jew fuq l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati;

o o

o

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati.